ŻEBBUĠ

# <u>JUM IZ-ZEBBUG 2007</u>

Is-Sibt 28 ta' April, il-Kunsill Lokali taz-Zebbug (Ghawdex) iccelebra Jum iz-Zebbug b' cerimonja ta' tifkira fis-Santwarju ta' l-Assunta, fiz-Zebbug. F' din ic-cerimonja li kienet immexxija mill-Vici Sindku s-Sur Joe Bajada, saru diskorsi ta' l-okkazjoni mis-Sindku s-Sur Carmelo Saliba u mill-Vici Prim Ministru u Ministru tal-gustizzja u l-Intern l-Onor Dr Tonio Borg. Fl-istess cerimonja, gie moghti l-Premju 'Gieh iz-Zebbug 2007' lill-eks Arcipriet il-Kan Dun Emmanuel Saliba ghal hidma tieghu li hu wettaq fil-parrocca taz-Zebbug. gew ipprezentati wkoll tifkiriet lir-rebbieha tad-diversi kompetizzjonijiet sportivi u lil Dun Gorg Vella ghat-tahdita tieghu. hadu sehem il-Banda Santa Marija, il-Kor Regina Angelorum u l-Kor Santa Marija.

Minbarra din ic-cerimonja, gew imtella' diversi attivitajiet ohra biex jikkommemoraw din il-grajja. Saru diversi kompetizzjonijiet sportivi fosthom tal-bocci, tlielaq bir-roti u tal-ibburdjar. Tqassmu tifkiriet lill-anzjani kollha tar-rahal. Sar festival ta' sports ghat-tfal kollha ta' l-Iskola Primarja Mons Gian Andrea Vella. It-tema ta' l-attivita` kienet 'Imxi u caqlaq ghal Sahha Ahjar' u kienet imtella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti ghall-Isports. Fl-istess attivitajiet saret tahdita dwar il-memorja ta' Katerina Cini, benefattrici Zebbugija u parata biz-zwiemel u tberik tal-*pets* minn Dun Reuben Micallef, l-Arcipriet tal-parrocca. F' nhar Jum iz-Zebbug, saret quddiesa ta' Radd il-hajr koncelebrata fis-Santwarju ta' l-Assunta, fiz-Zebbug.

Diane Tagliaferro
Kunsill Lokali Zebbug

Mejju 2007

STQAR 02/2007